**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**-vs-**

**Kurt-Anthony Callus, detentur tal-Karta tal-Identita` Nru 17289M.**

***Kump. Nru. 307/2017***

Illum 9 t'Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kurt-Anthony Callus talli:

> Nhar it-18 ta' Mejju, 2017, għall-ħabta tas-2:00pm u qabel ġewwa l-Ajruport Internazzjonali, mingħajr il-liċenzja jew il-permess tal-Kummissarju, akkwista, kellu l-pussess għal-liema għan ikun, żamm jew importa armi regolari imsemmija bi ksur tal-artikolu 3(a) tal-Kap 480 ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet miltuba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 49(2) tal-A.L. 311/06 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-corpus delicti.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-fedina penali netta tieghu kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz minn fejn jirrizulta li l-imputat kien minghalih qed igib biss souveniers b'differenza u ma kien hemm reita` intiza fl-agir minn tieghu!

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 3(a), 4 u 51(1)(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 3 snin millum.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti f'dawn il-proceduri u cioe` tal-ponnijiet tal-hadid.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**